# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-12 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 432 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Nadine ZAMMIT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Novembru 2018 fil-konfront ta' Nadine ZAMMIT detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 83888M li ġiet mixlija:

    Talli fl-10 t'April 2017 għall-ħabta ta' 18:20 fi Triq Ganu, Birkirkara u/jew f'dawn il-Gżejjer saqet vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni CJB 272:

    (1) Naqset milli tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kienet ħierġa għal fuq triq prinċipali;

    (2) U aktar talli meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti

tat-traffiku, involontarjament ikkaġunat offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Romina Scicluna skont kif iċċertifika Dr. Jeffrey Bonniċi mill-Isptar Mater Dei.

(3) Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li l-imputata tiġi skwalifikata mill-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanta, rat id-dokumenti kollha esebiti, l-atti kollha tal-kawża u semgħet lill-partijiet, u wara li rat l-Artikoli 30, 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolament 76 tal-Liġi Sussidjarja numru 65.11 sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatha għal multa ta' tminn mitt euro u tmint ijiem sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan li kellha tibda għaddejja minn nofs il-lejl.

3. Illi minn din is-sentenza Nadine ZAMMIT interponiet appell permezz ta' rikors datat 10 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti jogħġobha:

> tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha mhux ħatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni u ħtija skont il-liġi u fil-każ li dina l-Qorti ssibha ħatja, jogħġobha tvarja s-sentenza appellata billi tiġi inflitta piena anqas u aktar ekwa fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Dan wara li saħqet is-segwenti aggravji: -

> Qabel ma wieħed jidħol biex jissottometti r-raġunijiet ta' dan l-appell, ikun utli illi wieħed jindika fejn hemm qbil bejn il-partijiet, u ċioe':-
>
> (a) L-esponenti kienet qed issuq fi triq laterali għal fuq triq prinċipali.
> (b) Illi l-mutur kien qed jinstaq fit-triq prinċipali u kwindi għandu d-dritta li jibqa' għaddej bħala main road user.
> (c) Illi fit-tarf tat-triq laterali kien hemm stop sign li jfisser li l-esponenti kellha tieqaf f'dak il-punt.

(d) Illi fil-kantuniera tat-triq prinċipali kien hemm vettura pparkeġġjata li kienet tostakola kompletament l-viżwali tal-esponenti li riedet tidħol għat-triq prinċipali.

Dan premess l-esponenti ser tgħaddi biex tindika fejn, bl-akbar rispett għas-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti, ma taqbilx ma tali deċiżjoni.

Fl-ewwel lok dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura ċivili iżda kriminali. Mhumiex proċeduri biex jiġi stabbilit min mill-partijiet għandu raġun jew tort għall-akkadut. Ir-riċerka fis-sede kriminali hi jekk il-fatti tal-każ iwasslux għall-ħtija tal-imputazzjonijiet addebitati kontra l-esponenti. Dan qed jingħad għaliex f'partijiet tas-sentenza wieħed isib li l-Qorti, biex tasal għall-ħtija, qed tistrieħ esklussivament billi tqabbel il-posizzjoni tas-sewqan tal-vittma u d-drittijiet li għandha bħala "main road user", biex tasal illi n-nuqqas kien biss dak tal-esponenti. Fil-fatt pero', il-vittma ma kinitx akkużata quddiem din il-Qorti u kwindi, bir-rispett, dak li l-ewwel Qorti kellha tara kien biss jekk il-fatti fil-qafas tal-liġi jwasslux għall-ħtija kontra biss l-esponenti. Għalhekk kienet qed issir evalwazzjoni skorretta.

Fit-tieni lok il-Qorti, bħala parti mill-provi, kellha tevaluta bir-reqqa l-posizzjoni li sabet fiha l-esponenti meta waslet fit-tarf tat-triq biex tidħol għat-triq prinċipali. Jirriżulta mill-provi li s-sewqan u l-manuvri tal-esponenti, meta waslet f'dak il-punt tat-triq, kienu dawk ta' sewwieq diliġenti. Hija obdiet is-sinjal tat-traffiku ndikat, ċioe' l-istop sign u fit-tarf tat-triq waqfet għal kollox. F'dan il-punt tat-triq, meta kienet stazzjonarja, l-esponenti ġiet impoġġija, mingħajr ebda tort tagħha f'posizzjoni li ma setgħetx tesplora xi traffiku kien ġej mit-triq prinċipali. Dan peress illi kif irriżulta f'dawn il-proċeduri l-viżwali tagħha kienu kompletament mgħottija mill-karozza pparkeġġjata fil-kantuniera fuq it-triq prinċipali.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, kellu jsir eżami akkurat, x'kienet mistennija li tagħmel l-akkużata rinfaċċjata b'din is-sitwazzjoni. Wieħed leġittimament u raġjonevolment isaqsi: x'jista' jagħmel sewwiq rinfaċċjat b'din l-impossibilita' li jesplora t-traffiku fit-triq prinċipali, minħabba tort ta' terza parti? Probabbilment jista' jkun hemm tliet alternattivi. Is-sewwieq jista' jħalli l-vettura f'nofs it-triq unattended u jipprova isib lil xi ħadd jaralu biex joħroġ? Ipotesi li ma tantx hi plawsibbli fil-ħin in kwistjoni tenut kont il-lokalita'. Kieku sewwiq jagħmel hekk, apparti li kif intqal m'għandux garanzija li jsib lil xi ħadd jaralu, tali sewwieq ikun traskurat li qed iħalli vettura f'nofs karreġġjata u unattended u għalhekk ikun qed jikser il-liġi. Fit-tieni ipotesi sewwiq jista' wkoll jibqa' ħiereġ b'ċertu speed, li allura jkun qed jimmanuvra b'mod perikoluż u traskurat. Dan żgur kundannabbli! Jew fit-tielet ipotesi, inkella l-unika xelta oħra, hi dik bħalma għamlet l-esponenti "inching out". Tipprova toħroġ bil-mod il-mod sakemm tgħaddi l-linja tal-viżwali li l-vettura pparkeġġjata tkun qed tostakola, u dan biex tesplora t-triq. F'dan il-każ, meta l-esponenti, fiċ-ċirkostanzi, għażlet l-

unika manuvra raġjonevoli li kellha, l-esponenti kienet prudenti u żvinturata, iżda mhux traskurata.

Kif wieħed jista' jifhem a bażi tal-argumentazzjoni premessa, l-ewwel Qorti, bl-akbar dovut rispett, ma tatx importanza reali għall-vera kawża ta' dan l-inċident u ċioe' n-nuqqas ta' ħsieb, ta' min ġie jaqa' u jqum u pparkeġġja l-vettura fil-kantuniera. Kif stqarr is-Surġent, anke dan irrealizza li din il-vettura pparkeġġjata kienet ikkontribwiet għall-inċident, tant li ħa d-dettalji tagħha u ta anke ċitazzjoni għal no parking/obstruction. Fl-umili fehma tal-esponenti, pero' l-Pulizija kellha tagħmel aktar minn hekk.

Il-Qorti bbażat ħafna fuq ir-regolament 76 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 li kkwotat fl-intier tiegħu f'paġna 3 tas-sentenza. Bir-rispett pero', il-kliem ta' dan ir-regolament ..... **għandu joqgħod attent il-ħin kollu u għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera** ma japplikax għas-sewqan tal-esponenti. Hi kienet attenta, waqfet u meta kienet qiegħda inching out kienet qed tieħu l-prekawzjonijiet kollha fiċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom, minħabba l-vettura pparkeġġjata. Dan ir-regolament u kull prinċipju legali wieħed irid iqisu against the backcloth tal-prinċipju ***ad impossibilia nemo tenetur***. L-esponenti ma kellha l-ebda għażla ħlief inching out.

L-ewwel Qorti korrettement kkwotat ċerta każijiet. Filwaqt li dawn il-każijiet, b'mod ġenerali, jistipulaw ċerta prinċipji, wieħed pero' jrid imbagħad japplikahom għall-każ in eżami. Il-ġurisprudenza ma ttikx blanket positions biex imbagħad tagħmilhom applikabbli għall-każijiet kollha. Il-liġi u l-ġurisprudenza ttina l-prinċipji legali li jsawwru l-qafas, iżda l-apprezzament tal-fatti f'dak il-qafas tal-liġi u ġurisprudenza, irid isir għal kull każ. Pereżempju l-każijiet ta' **Gasan Mamo Insurance Limited vs Raymond Vella, Anthony Galea, Joseph Rizzo vs Paul Micallef** vera jindikaw l-obbligi tas-sewqan ta' side road user u ċioe' *li jimxi dead slow u saħansitra jwaqqaf sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara*. Dan kollu, fil-każ odjern, l-esponent għamlitu u allura mhux daqshekk applikabbli għall-każ in diżamina. Dan il-punt ma kienx kontestat. Bir-rispett lanqas il-każ kwotat ta' Pawlu Borg li korrettement jgħid li l-grad ta' min ikun dieħel fi triq prinċipali hu ferm akbar minn dak li jkun għaddej mit-triq prinċipali, mhux il-punt in dibattitu fil-każ odjern. F'dan il-każ qatt ma kien hemm kontestazzjoni li s-sewwieq tal-mutur kien b'xi mod responsabbli għal dan l-inċident. Il-kontestazzjoni kienet u hi, li filwaqt li l-esponenti vera kkaġunat offiża nvolontarja, pero' ma hemmx nexus, għax l-esponenti la kienet traskurata u lanqas tħares ir-regolamenti fiċ-ċirkostanzi. Kwindi l-imputazzjonijiet fil-konfront tagħha ma jirriżultawx.

Id-dinmika vera ta' dan l-inċident toħroġ ċara mid-deposizzjoni tal-esponenti u miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:-

*Le le jien ħriġt bil-mod ħafna. Jien ħriġt bil-mod ħafna litteralment kemm nara għax dik il-karozza kienet qed tostakolali l-vista.*
*Le ma bqajtx għaddejja mbagħad għax kif ħriġt eżatt daħal il-mutur ġo fija.*
*Jien ħriġt naqra żgħira bil-mod ħafna biex nittawwal.*
*Fuq l-istop sign waqaft.*

F'dan il-każ il-kawża prossima tal-inċident kienet it-traskuraġni tal-vettura pparkeġġjata. Is-sewwieq ta' din il-vettura, li s-Surġent indika fir-rapport tiegħu, seta' jipprevedi li, bil-mod kif kien ipparkeġġjat, karozza ħierġa mit-triq laterali ma setax jara t-traffiku li jkun għaddej fuq it-triq prinċipali. Għalkemm ippreveda dan, ma ppreveniex anzi ħalla l-vettura tiegħu hemm.

Finalment, mingħajr preġudizzju għal premess, il-piena nflitta fiċ-ċirkostanzi tal-każ hi eċċessiva u jisthoqqilha tiġi mnaqqsa u varjata.

### *Ikkunsidrat:*

4. Illi jirriżulta illi fl-10 ta' April 2017 għall-ħabta tas-18:30, l-Għassa ta' Birkirkara ġiet infurmata dwar kollizzjoni li kienet seħħet bejn vettura u mutur fi Triq Ganu, Birkirkara fejn kien hemm ukoll persuna mweġġa'. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn osservaw li l-ħabta kienet seħħet bejn il-vettura tal-appellanta bin-nurmu ta' reġistrazzoni CJB272 tal-għamla Toyota Aygo u l-mutur ta' Romina Scicluna bin-numru ta' reġistrazzoni FCF481 tal-għamla Yamaha fejn entrambe l-vetturi kellhom ħsarat fuq in-naħa tal-lemin tagħhom. In oltre Romina Scilcuna ingħatat assistenza medika peress illi kienet soffriet ġrieħi mal-impatt fejn ġiet ulterjorment akkampunjata l-isptar bl-ambulanza. Il-Pulizija tkellmu mal-appellanta fuq il-post li spjegatilhom illi hi kienet ġejja mit-triq laterali Francesco Buhagiar, Birkirkara bl-intediment li tidħol għat-triq Prinċipali Triq Ganu. Kif waslet hi waqfet mal-istop sign iżda

peress illi kien hemm vettura ipparkjata f'dik il-kantuniera illi kienet qed tostakolha l-vista ta' vetturi fi Triq Ganu, hi bdiet ħierġa bil-mod fejn f'daqqa waħda l-mutur daħal ġo fiha. Prattikament il-manuvra tal-appellanta ġiet ikkonfermata mill-kwerelanta li spjegat illi mal-impatt hi imbeżqet mill-mutur tagħha għal fuq il-bonnet tat-Toyota Aygo umbagħad għal fuq l-art. Kif ġiet eżaminata Scicluna mit-tobba fl-Isptar ġiet ċertifikata li qed isoffri minn ġieħi gravi. In oltre l-Pulizija kkonfermaw ukoll il-preżenza tal-vettura li kienet ipparkjata ħażin mal-linji sofor fi Triq Ganu stess skond dak li stqarret l-appellanta fil-verżjoni tagħha.

5. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Diċembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

7. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

8. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-

dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

10. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

11. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib,*** 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili,*** 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter,*** 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa,*** 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed,*** 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino,*** 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt,*** 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi,*** 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone,*** 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo,*** 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba,*** 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar,*** 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et,*** 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,*** 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris,*** 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace,*** 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit,*** 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

12.Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

13.In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne***,[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

---

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

14.L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

15.Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

16. Il-Liġi penali **<u>ma teħtieġx</u>** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta'

Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

17. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

18. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

19. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-

---

[7] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[8] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20.Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21.Illi din it-tifsira mhix aljena għall-ġurisprudenza Maltija in kwantu anke l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien xi drabi jagħmel riferenza għal-kunċett tas-sikurezza meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif

---

[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia,* tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

23. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u dibju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx, u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

***Ikkunsidrat:***

24. Illi huwa minnu li din hija Qorti ta' Ġustizzja Kriminali u mhux Ċivili, għalkemm b'diversi emendi li saru f'dawn l-aħħar snin, il-

linja ta' demarkazzjoni bejniethom iċċajpret xi ftit ukoll, b'mod partikolari fil-kamp tas-sinistri stradali.

25. Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-i*steering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.[10]

26. Is-sewwieq irid dejjem iżomm *proper look-out* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*.

27. Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'*safe speed* fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians* billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew

[10] bħal mirja, *rear cameras, sensors, alarms* eċċetra.

iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evaživa skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan.

28. Fil-fehma tal-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta wkoll fl-analiżi li għamlet relattivament għall-istat tal-appellanti bħala *side-road user* u li kienet ġejja biex tidħol fi triq prinċipali. Il-prinċipji imħadnin fis-sentenzi ċitati mill-Qorti tal-Maġistrati jillustraw is-sitwazzjoni *criminalibus* relattivament għal posizzjoni tas-sewwieq u tad-dmirijiet li għandu meta jkun qiegħed fit-tmun ta' vettura bil-mutur.

***Ikkunsidrat: -***

29. Illi l-appellanta tisħaq illi hi ma setgħetx tinżamm responsabbli tal-inċident in kwistjoni u dan għas-sempliċi fatt illi bil-komportament tagħha hi kienet prudenti sal-grad legali rikjest fiċ-ċirkostanzi li hi rriskontrat fuq ix-xena tal-inċident. L-appellanta tisħaq li r-responsabbilta' ta' dan l-inċident kellha tinkombi fuq il-persuna li pparkjat il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBU986 li kienet ipparkjata fi Triq Ganu mal-linji sofor b'tali mod illi l-viżwali tagħha ġiet ostakolata u konsegwentement kellha toħroġ bil-mod sabiex

tara jekk kienx hemm vetturi għaddejjin qabel tisporġi għal ġo Triq Ganu.

30. Jidher skond dak illi sostniet illi hi kienet fil-kors li toħroġ bil-mod bil-vettura tagħha mit-triq laterali, meta seħħ l-impatt mal-mutur, qabel liema mpatt hi ma setatx tara l-mutur in kwistjoni.

31. Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni per se dwar id-dinamika tal-l-inċident u dwar min kien qed isuq fit-triq prinċipali jew dik laterali. Lanqas ma jidher, allavolja l-Qorti tal-Maġistrati sa ċertu punt esplorat it-teżi illi l-appellant allega li Romina Scicluna b'xi mod ikkontribwiet għall-inċident mertu ta' dan il-każ.

32. Kwindi l-pern ta' din il-kawża jistrieħ fuq l-analiżi li trid tagħmel din il-Qorti biex tistabilixxi jekk effettivament l-appellanta aġġixietx b'neġliġenza u/jew imprudenza fil-mument meta sporġiet mit-triq laterali għal dik prinċipali u fejn seħħ l-impatt mal-mutur tal-vittma, fid-dawl ukoll taċ-ċirkostanzi kollha f'dak il-waqt fuq ix-xena tal-impatt.

33. Illi skond is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ludwig Micallef***[11]:

> Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.
>
> Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probata. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta

[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010

quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi.[12] Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini**:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.....

...Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 (li japplika wkoll għal dak li jirrigwarda l-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali)[13] tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana

---

[12] Emfazi tal-Qorti.

[13] Test inserit minn din il-Qorti.

identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** - 1127 pagna 46 ighid:-
"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990**, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta dell'atto;

2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;

u

3 la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt (jew il-ġrieħi)[14] tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud**, il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

---

[14] Test miżjud minn din il-Qorti.

**Sewqan bla kont** (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.

**Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (**vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950**). "

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat."

34. Illi mill-fatti ta' dan il-każ jidher illi l-appellanta kienet qed tisporġi minn triq laterali għal waħda prinċipali. Jirriżulta wkoll illi hemm *stop sign* ma Triq Alfonso Buhagiar fejn skond l-appellanta kif ukoll skond il-vittma, Zammit waqfet magħha kif tipprospetta l-liġi. Ġie kkonfermat ukoll anki mill-Pulizija li marru fuq ix-xena illi kien hemm karozza ta' terza persuna illi kienet ipparkjata fuq il-linji

doppji sofor fi Triq Ganu fuq in-naħa leminija ta' minn fejn sporġiet Zammit li wkoll kienet intenzjonata li tmur fuq il-lemin ta' Triq Ganu. Jidher ukoll minn dak illi xehdet l-appellanta illi qabel l-impatt hi ma kinitx rat il-mutur in kwistjoni bħalma lanqas is-sewwieqa tal-mutur ma kienet rat il-vettura tal-appellanta qabel l-impatt innifsu. Skond l-appellanta hi kellha tisporġi bil-mod sabiex tkun f'posizzjoni tara t-traffiku fi Triq Ganu u nfatti l-impatt seħħ filwaqt illi l-appellanta ma kinitx wieqfa għal kollox iżda kienet miexja bil-mod.

35.Il-Qorti tal-Maġistrati semmiet il-kawża fl-ismijiet ***Gasan Mamo Insurance Limited noe et vs Raymond Vella,*** li esplorat l-estent ta' responsabbilta' illi *side road user* għandu oltre l-*main road user*, u fejn ġie ritenut illi :

> min ikun ħiereġ minn side street għal main road għandu l-obbligu li juża l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf għal kollox jew joħroġ inching out, u jassigura li t-triq hi libera.

36.Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak huwa filfatt dak li għamlet l-appellanta f'dan il-każ. Hi waqfet mal-istop sign kif kien mistenni minnha u kif ma kellhiex viżwali minn dak il-punt għal fuq Triq Ganu minħabba l-ostaklu fil-viżwali tagħha kkawżata mill-vettura ipparkjata ħażin fuq il-linji sofor, hi ħarġet *'inching out'* sabiex tesporġi għal fuq Triq Ganu.

37.Il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellanta kriminalment responsabbli peress illi skond l-istess Zammit hi kienet miexja u mhux wieqfa fil-mument tal-impatt. Imma din il-Qorti ma tistax ma

taċċenax għall-fatt illi jidher illi l-appellanta kienet filfatt għadha fil-proċess ta' *'inching out'* dovut mill-fatt li l-viżwali tagħha kienet ostruwita minħabba l-vettura parkeġġata illegalment. Kif kienet *inching out,* filfatt seħħ l-impatt.

38.Il-provi prodotti f'dan il-każ ma kienux tali li jippuntaw lejn ir-responsabbilta' penali tal-appellanti. Il-provi juru illi fil-mument illi Zammit kienet fuq l-istop sign hi ma kelliex viżwali tal-main road minħabba l-vettura parkeġġjata ħażin u ostakolanti din il-viżwali. Konsegwentement biex takkwista l-viżwali hija kienet kostretta li tibda ħierġa bil-mod, *'inching out'* u fil-fatt waqt din il-manuvra tal-*"inching out"* jidher li seħħ l-impatt.

39.Illi indirettament dan jidher ukoll mill-iskizz preżentat. Meta wieħed iqis l-estent li l-appellanta kienet laħqet ħarġet mit-triq laterali għal dik prinċipali, il-posizzjoni tal-vettura li kienet ipparkjata ħażin, kif ukoll l-ispot of impact bejn il-vetturi tal-appellanta u l-parte civile, huwa ċar li f'dak l-istadju kien ferm diffiċli għall-appellanta li tara l-*oncoming traffic;* u kien ukoll diffiċli għas-sewwieqa tal-mutur illi tara wkoll lil vettura tal-appellanti *inching out.* Fil-fatt iż-żewġt sewwieqa jikkonfermaw din id-diffikulta li jaraw lil xulxin **qabel** l-impatt.

40.Din il-Qorti ma tqisx għalhekk li, mill-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellanta naqset milli tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kienet ħierġa għal fuq prinċipali u agħar minn hekk li hija kkaġunat l-offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parte civile

minħabba nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku da parti tagħha.

## *Deċide*

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha tilqa' l-appell ta' Nadine ZAMMIT, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***